DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Lulju 2013

dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għall-programmi għall-kontroll tas-sajd tal-Istati Membri għall-2013

(notifikata bid-dokument C(2013) 4256)

(It-testi bl-ilsien Bulgaru, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Sloven, Spanjol, Swediż u Taljan biss huma awtentiċi)

(2013/410/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni, fl-ittra tagħha tad-9 ta' Ottubru 2012, iddefinixxiet l-oqsma ta' prijorità li jridu jiġu ffinanzjati mill-Unjoni fil-qafas tal-programmi għall-kontroll tas-sajd. Dawn l-oqsma ta' prijorità jinkludu t-titjib fis-sistemi ta' kontroll ta' Stat Membru, il-kejl tas-saħħa tal-magna, u t-traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd. Fl-ittra tagħha tal-14 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni speċifikat ukoll ir-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati mill-operaturi u mill-Istati Membri meta jwettqu investimenti fi proġetti ta' traċċabbiltà.

(2) L-Istati Membri ippreżentaw il-programmi tagħhom għall-kontroll tas-sajd għall-2013 lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006, li jinkludu l-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa li għandha tiġġarrab fit-twettiq tal-proġetti li jinsabu f'dawn il-programmi.

(3) Fuq dik il-bażi u minħabba restrizzjonijiet baġitarji, talbiet fil-programi għal finanzjament tal-Unjoni relatati ma' azzjonijiet mhux ta' prijorità bħall-istallazzjoni ta' Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika (AIS) abbord bastimenti tas-sajd, dawk il-proġetti ta' taħriġ li ma jkollhom l-ebda rabta ma' titjib li għandu jsir fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri, kif ukoll ix-xiri jew il-modernizzazzjoni ta' bastimenti u inġenji tal-ajru tal-ġħassa tas-sajd ġew miċħuda peress li ma kinux parti mill-oqsma ta' prijorità.

(4) Huwa xieraq li l-ammonti massimi u r-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni jiġu ffissati fil-limiti stabbiliti bl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 u li jiġu stipulati l-kundizzjonijiet li bihom tista' tingħata din il-kontribuzzjoni.

(5) Fir-rigward tal-proġetti ta' traċċabbiltà, huwa importanti li jiġi żgurat li dawn jiġu żviluppati fuq il-bażi ta' standards rikonoxxuti internazzjonalment, kif meħtieġ mill-Artikolu 67(8) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [2].

(6) L-applikazzjonijiet għall-finanzjament tal-Unjoni ġew ivvalutati fir-rigward tal-konformità tagħhom mar-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 391/2007 tal-11 ta' April 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 rigward in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' sistemi ta' monitoraġġ u kontroll applikabbli għall-Politika Komuni tas-Sajd [3].

(7) Il-Kummissjoni vvalutat il-proġetti li l-ispiża tagħhom ma taqbiżx l-EUR 40 000 eskluża l-VAT, u żammet dawk li għalihom huwa ġġustifikat li jingħatalhom kofinanzjament tal-Unjoni fid-dawl tat-titjib li x'aktarx li jġibu magħhom fis-sistema ta' kontroll tal-Istati Membri applikanti.

(8) Sabiex jitheġġeġ l-investiment fl-oqsma ta' prijorità ddefiniti mill-Kummissjoni, u fid-dawl tal-impatt negattiv tal-kriżi finanzjarja fuq il-baġits tal-Istati Membri, in-nefqa relatata ma' dawk l-oqsma ta' prijorità għandha tibbenefika minn rata għolja ta' kofinanzjament, fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006.

(9) Sabiex jikkwalifika għall-kontribuzzjoni, it-tagħmir għal-lokalizzazzjoni awtomatika kif ukoll it-tagħmir tar-reġistrazzjoni u r-rappurtar elettroniku abbord bastimenti tas-sajd għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sajd u l-Akkwakultura,

[1] ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1.

[2] ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1.

[3] ĠU L 97, 12.4.2007, p. 30.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistipula kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għall-2013 għan-nefqa mġarrba mill-Istati Membri fl-2013 fl-implimentazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll applikabbli għall-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), kif imsemmi fl-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006.

Artikolu 2

Għeluq tal-impenji pendenti

Il-pagamenti kollha li għalihom qed jintalab rimborż għandhom jitħallsu mill-Istat Membru kkonċernat sat-30 ta' Ġunju 2017. Il-pagamenti li jsiru minn Stat Membru wara dik id-data ta' skadenza mhux se jkunu eliġibbli għar-rimborż. L-approprjazzjonijiet baġitarji marbuta ma' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu diżimpenjati sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018.

Artikolu 3

Teknoloġiji u netwerks tal-IT ġodda

1. In-nefqa mġarrba, fir-rigward ta' proġetti msemmija fl-Anness I, għall-istallazzjoni ta' teknoloġiji u netwerks tal-IT ġodda sabiex ikunu jistgħu jsiru ġbir u ġestjoni effiċjenti u siguri ta' dejta relatata mal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd kif ukoll il-verifika tas-saħħa tal-magna, għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 90 % tan-nefqa eliġibbli fil-limiti stabbiliti f'dak l-Anness.

2. Fir-rigward tal-proġetti ta' traċċabbiltà, il-kontribuzzjoni tal-UE għandha tkun limitata għal EUR 1 000 000 f'każ ta' investimenti mwettqa mill-awtoritajiet tal-Istat Membru, u għal EUR 250 000 f'każ ta' investimenti privati. Għandhom jiġu aċċettati sa mhux aktar minn żewġ proġetti minn kull operatur privat għal kull Stat Membru u għal kull deċiżjoni ta' finanzjament. L-għadd totali ta' proġetti ta' traċċabbiltà mwettqa minn operaturi privati għandu jkun limitat għal 8 għal kull Stat Membru u għal kull deċiżjoni ta' finanzjament.

3. Sabiex jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2, il-proġetti kollha kofinanzjati skont din id-Deċiżjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([1]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011.

4. Kwalunkwe nefqa oħra mġarrba, fir-rigward tal-proġetti msemmija fl-Anness I, għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 50 % tan-nefqa eliġibbli, fil-limiti stabbiliti f'dak l-Anness.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

Artikolu 4

Taġħmir għal-lokalizzazzjoni awtomatika

1. In-nefqa mġarrba, fir-rigward ta' proġetti msemmija fl-Anness II, għax-xiri u l-istallazzjoni abbord ta' bastimenti tas-sajd ta' taġħmir għal-lokalizzazzjoni awtomatika li jippermetti li bastimenti jiġu mmonitorjati mill-boġħod minn ċentru tal-monitoraġġ tas-sajd permezz ta' sistema tal-monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 90 % tan-nefqa eliġibbli, fil-limiti stipulati f'dak l-Anness.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkalkulata abbażi ta' prezz massimu ta' EUR 2 500 għal kull bastiment.

3. Sabiex jikkwalifika għall-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1, it-taġħmir għal-lokalizzazzjoni awtomatika għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 ([2]).

Artikolu 5

Sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u rappurtar

In-nefqa mġarrba, fir-rigward ta' proġetti msemmija fl-Anness III, għall-iżvilupp, ix-xiri u l-istallazzjoni kif ukoll l-għajnuna teknika għall-komponenti meħtieġa għas-sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u ta' rappurtar (ERS), sabiex l-iskambju tad-dejta jkun effiċjenti u sigur fir-rigward tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd, għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 90 % tan-nefqa eliġibbli fil-limiti stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 6

Taġħmir elettroniku ta' reġistrazzjoni u rappurtar

1. In-nefqa mġarrba, fir-rigward tal-proġetti msemmija fl-Anness IV, għax-xiri u l-istallazzjoni ta' taġħmir ERS abbord bastimenti tas-sajd u li jippermetti lill-bastimenti jirreġistraw u jirrappurtaw b'mod elettroniku dejta dwar l-attivitajiet tas-sajd lil Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd, għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 90 % tan-nefqa eliġibbli, fil-limiti stabbiliti f'dak l-Anness.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi ta' prezz massimu ta' EUR 3 000 għal kull bastiment, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4.

3. Sabiex jikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja, it-taġħmir tal-ERS għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011.

4. Fil-każ ta' taġħmir li jgħaqqad funzjonijiet ERS u VMS, u li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011, il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi kkalkulata abbażi ta' prezz massimu ta' EUR 4 500 għal kull bastiment.

([2]) ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17.

Artikolu 7

Proġetti pilota

In-nefqa mġarrba, fir-rigward tal-proġetti msemmija fl-Anness V, fuq proġetti pilota dwar teknoloġiji ġodda ta' kontroll għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 50 % tan-nefqa eliġibbli, fil-limiti stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 8

Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni

Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni għal kull Stat Membru għandha tkun kif ġej:

(EUR)

Stat Membru	Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali għall-kontroll tas-sajd	Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni
Il-Belġju	1 369 250	1 369 250	1 232 325
Il-Bulgarija	15 339	15 339	13 805
Id-Danimarka	6 801 633	5 226 502	4 691 350
Il-Ġermanja	17 502 400	4 291 800	3 794 200
L-Estonja	280 000	280 000	252 000
L-Irlanda	1 200 000	1 200 000	1 080 000
Il-Greċja	1 370 029	1 370 029	1 153 026
Spanja	12 186 266	9 137 042	7 562 370
Franza	5 373 796	5 363 796	4 811 416
L-Italja	7 480 000	2 160 000	1 944 000
Ċipru	600 000	600 000	540 000
Il-Latvja	192 735	192 735	173 462
Il-Litwanja	389 539	389 539	350 585
Malta	1 375 002	1 228 802	636 605
Il-Pajjiżi l-Baxxi	3 264 205	2 389 410	2 142 252
Il-Polonja	3 422 251	3 322 251	2 990 026
Il-Portugall	1 608 900	703 500	633 150
Ir-Rumanija	769 000	419 000	313 100
Is-Slovenja	315 100	293 400	241 500
Il-Finlandja	1 682 500	1 682 500	1 514 250
L-Isvezja	1 392 838	1 392 838	1 253 555
Ir-Renju Unit	1 039 444	1 039 444	816 423
Total	**69 630 227**	**44 067 177**	**38 139 400**

Artikolu 9

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2013.

Għall-Kummissjoni

Maria DAMANAKI

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

TEKNOLOĠIJI U NETWERKS TAL-IT ĠODDA

(EUR)

Stat Membru u kodiċi tal-proġett	Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali ghall-kontroll tas-sajd	Nefqa ghal proġetti maghżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni
Il-Belġju			
BE/13/01	240 000	240 000	216 000
BE/13/02	30 000	30 000	27 000
BE/13/03	30 000	30 000	27 000
BE/13/05	60 000	60 000	54 000
BE/13/06	30 000	30 000	27 000
BE/13/08	4 250	4 250	3 825
BE/13/09	825 000	825 000	742 500
Subtotal	***1 219 250***	***1 219 250***	***1 097 325***
Il-Bulgarija			
BG/13/01	15 339	15 339	13 805
Subtotal	***15 339***	***15 339***	***13 805***
Id-Danimarka			
DK/13/01	536 215	536 215	482 593
DK/13/03	402 161	402 161	361 945
DK/13/04	335 134	0	0
DK/13/05	268 107	268 107	241 297
DK/13/06	335 134	335 134	301 621
DK/13/07	536 215	0	0
DK/13/08	201 080	201 080	180 972
DK/13/09	134 054	134 054	120 648
DK/13/10	335 134	335 134	301 621
DK/13/11	402 161	402 161	361 945
DK/13/12	100 540	0	0
DK/13/13	134 054	0	0
DK/13/14	536 215	536 215	482 593
DK/13/15	201 080	0	0
DK/13/16	268 107	0	0
DK/13/17	1 125 000	1 125 000	1 000 000
DK/13/18	73 000	73 000	65 700
DK/13/19	275 000	275 000	247 500
DK/13/20	268 107	268 107	241 296
Subtotal	***6 466 498***	***4 891 368***	***4 389 731***
Il-Ġermanja			
DE/13/09	60 000	60 000	54 000
DE/13/10	75 000	75 000	67 500

(EUR)

Stat Membru u kodiċi tal-proġett	Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali ghall-kontroll tas-sajd	Nefqa ghal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni
DE/13/12	90 000	90 000	81 000
DE/13/15	2 880 000	2 880 000	2 592 000
DE/13/14	170 000	170 000	153 000
DE/13/17	353 800	353 800	250 000
DE/13/18	110 000	110 000	99 000
DE/13/19	350 000	0	0
DE/13/20	95 000	0	0
DE/13/21	443 100	0	0
DE/13/22	650 000	0	0
DE/13/23	970 000	0	0
DE/13/24	275 000	0	0
DE/13/25	420 000	0	0
DE/13/26	250 000	0	0
DE/13/27	105 500	105 500	94 950
Subtotal	***7 297 400***	***3 844 300***	***3 391 450***
Il-Grečja			
EL/13/02	300 000	300 000	270 000
EL/13/03	200 000	200 000	100 000
EL/13/04	300 000	300 000	270 000
EL/13/05	50 000	50 000	45 000
EL/13/06	50 000	50 000	45 000
EL/13/08	169 694	169 694	152 724
EL/13/09	230 335	230 335	207 302
Subtotal	***1 300 029***	***1 300 029***	***1 090 026***
L-Irlanda			
IE/13/01	50 000	50 000	45 000
IE/13/02	50 000	50 000	45 000
Subtotal	***100 000***	***100 000***	***90 000***
Spanja			
ES/13/01	651 500	651 500	325 750
ES/13/02	205 971	205 971	185 374
ES/13/03	377 698	377 698	339 928
ES/13/04	252 976	252 976	227 678
ES/13/05	256 514	256 514	230 863
ES/13/06	527 423	527 423	474 680
ES/13/07	298 291	298 291	268 462
ES/13/09	353 996	353 996	318 596
ES/13/10	63 457	63 457	57 111
ES/13/11	72 922	72 922	65 630
ES/13/12	183 900	183 900	165 510

(EUR)

Stat Membru u kodiċi tal-proġett	Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali ghall-kontroll tas-sajd	Nefqa ghal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni
ES/13/13	215 814	215 814	194 233
ES/13/14	786 000	786 000	707 400
ES/13/15	186 567	186 567	167 910
ES/13/16	367 543	367 543	330 789
ES/13/17	186 754	186 754	168 079
ES/13/18	178 000	178 000	160 200
ES/13/20	115 000	115 000	103 500
ES/13/21	230 000	230 000	207 000
ES/13/22	142 400	0	0
ES/13/23	25 000	25 000	22 500
ES/13/24	90 000	90 000	81 000
ES/13/25	250 000	0	0
ES/13/27	160 000	0	0
ES/13/29	95 557	95 557	86 001
ES/13/30	95 410	95 410	85 869
ES/13/33	33 000	33 000	29 700
ES/13/34	54 000	54 000	48 600
ES/13/35	681 000	0	0
ES/13/36	780 000	0	0
ES/13/37	518 710	518 710	250 000
ES/13/39	258 000	258 000	232 200
ES/13/40	481 698	481 698	250 000
ES/13/41	379 119	263 294	236 966
Subtotal	***9 554 220***	***7 424 995***	***6 021 529***
Franza			
FR/13/02	180 000	180 000	162 000
FR/13/03	150 000	150 000	135 000
FR/13/04	400 000	400 000	360 000
FR/13/06	1 000 300	1 000 300	900 270
FR/13/07	1 080 600	1 080 600	972 540
FR/13/08	1 080 600	1 080 600	972 540
FR/13/09	211 500	211 500	190 350
FR/13/10	269 350	269 350	242 415
FR/13/11	51 446	51 446	46 301
Subtotal	***4 423 796***	***4 423 796***	***3 981 416***
L-Italja			
IT/13/01	260 000	260 000	234 000
IT/13/02	120 000	0	0
IT/13/03	500 000	500 000	450 000
IT/13/04	1 000 000	1 000 000	900 000

(EUR)

Stat Membru u kodiċi tal-proġett	Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali ghall-kontroll tas-sajd	Nefqa ghal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni
IT/13/05	300 000	300 000	270 000
IT/13/07	800 000	0	0
IT/13/08	2 000 000	0	0
IT/13/09	2 400 000	0	0
Subtotal	***7 380 000***	***2 060 000***	***1 854 000***
Ċipru			
CY/13/01	50 000	50 000	45 000
CY/13/02	150 000	150 000	135 000
CY/13/03	400 000	400 000	360 000
Subtotal	***600 000***	***600 000***	***540 000***
Il-Latvja			
LV/13/01	11 200	11 200	10 080
LV/13/02	58 350	58 350	52 515
LV/13/03	123 185	123 185	110 867
Subtotal	***192 735***	***192 735***	***173 462***
Il-Litwanja			
LT/13/01	144 810	144 810	130 329
LT/13/03	13 033	13 033	11 730
Subtotal	***157 843***	***157 843***	***142 059***
Malta			
MT/13/01	55 510	55 510	49 959
MT/13/02	1 173 292	1 173 292	586 646
Subtotal	***1 228 802***	***1 228 802***	***636 605***
Il-Pajjiżi l-Baxxi			
NL/13/01	278 172	278 172	250 000
NL/13/02	277 862	277 862	250 000
NL/13/03	286 364	286 364	250 000
NL/13/04	276 984	276 984	249 285
NL/13/05	129 398	129 398	116 458
NL/13/06	200 000	0	0
NL/13/07	230 000	0	0
NL/13/08	36 120	36 120	32 508
NL/13/09	89 860	0	0
NL/13/10	129 500	129 500	116 550
NL/13/11	125 010	125 010	112 450
NL/13/12	72 908	0	0
NL/13/13	282 027	0	0

(EUR)

Stat Membru u kodiċi tal-proġett	Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali ghall-kontroll tas-sajd	Nefqa ghal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni
NL/13/14	200 000	200 000	180 000
NL/13/15	400 000	400 000	360 000
NL/13/16	50 000	50 000	45 000
Subtotal	***3 064 205***	***2 189 410***	***1 962 251***
Il-Polonja			
PL/13/04	1 000 000	1 000 000	900 000
PL/13/05	540 000	440 000	396 000
PL/13/06	227 350	227 350	204 615
PL/13/07	240 300	240 300	216 270
PL/13/08	172 600	172 600	155 340
PL/13/09	323 000	323 000	290 700
PL/13/10	208 760	208 760	187 884
PL/13/11	416 000	416 000	374 400
PL/13/12	40 500	40 500	36 450
Subtotal	***3 168 510***	***3 068 510***	***2 761 659***
Il-Portugall			
PT/13/01	834 000	0	0
Subtotal	***834 000***	***0***	***0***
Ir-Rumanija			
RO/13/03	155 000	155 000	139 500
RO/13/04	120 000	120 000	60 000
RO/13/05	40 000	40 000	20 000
RO/13/06	104 000	104 000	93 600
Subtotal	***419 000***	***419 000***	***313 100***
Is-Slovenja			
SI/13/01	42 000	42 000	37 800
SI/13/02	7 300	0	0
SI/13/03	1 200	1 200	600
SI/13/04	14 400	0	0
SI/13/05	5 000	5 000	2 500
SI/13/06	1 200	1 200	600
SI/13/07	40 000	40 000	36 000
SI/13/08	40 000	40 000	36 000
SI/13/10	45 000	45 000	40 500
SI/13/12	49 000	49 000	24 500
SI/13/13	20 000	20 000	18 000
Subtotal	***265 100***	***243 400***	***196 500***

(EUR)

Stat Membru u kodiċi tal-proġett	Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali ghall-kontroll tas-sajd	Nefqa ghal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni
Il-Finlandja			
FI/13/01	1 000 000	1 000 000	900 000
FI/13/03	200 000	200 000	180 000
FI/13/04	150 000	150 000	135 000
Subtotal	***1 350 000***	***1 350 000***	***1 215 000***
L-Isvezja			
SE/13/01	348 210	348 210	313 389
SE/13/02	464 280	464 280	417 852
SE/13/03	580 348	580 348	522 314
Subtotal	***1 392 838***	***1 392 838***	***1 253 555***
Ir-Renju Unit			
UK/13/01	496 155	496 155	446 539
Subtotal	***496 155***	***496 155***	***446 539***
Total	***50 925 720***	***36 617 770***	***31 570 012***

ANNESS II

TAGĦMIR GĦAL-LOKALIZZAZZJONI AWTOMATIKA

(EUR)

Stat Membru u kodiċi tal-proġett	Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali għall-kontroll tas-sajd	Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni
Il-Ġermanja			
DE/13/08	12 500	12 500	11 250
DE/13/28	367 500	0	0
DE/13/02	493 500	0	0
DE/13/04	50 000	50 000	45 000
Subtotal	***923 500***	***62 500***	***56 250***
Malta			
MT/13/03	146 200	0	0
Subtotal	***146 200***	***0***	***0***
Ir-Rumanija			
RO/13/07	100 000	0	0
Subtotal	***100 000***	***0***	***0***
Is-Slovenja			
SI/13/09	10 000	10 000	9 000
Subtotal	***10 000***	***10 000***	***9 000***
Spanja			
ES/13/19	1 256 340	1 256 340	1 130 706
ES/13/31	326 124	326 124	293 512
Subtotal	***1 582 464***	***1 582 464***	***1 424 218***
Ir-Renju Unit			
UK/13/03	245 597	245 597	221 037
Subtotal	***245 597***	***245 597***	***221 037***
Total	***3 007 761***	***1 900 561***	***1 710 505***

ANNESS III

SISTEMI ELETTRONIĊI TA' REĠISTRAZZJONI U RAPPURTAR

(EUR)

Stat Membru u kodiċi tal-proġett	Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali ġhall-kontroll tas-sajd	Nefqa ġhal proġetti maġhżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni
Il-Belġju			
BE/13/04	70 000	70 000	63 000
BE/13/07	80 000	80 000	72 000
Subtotal	***150 000***	***150 000***	***135 000***
Id-Danimarka			
DK/13/02	335 134	335 134	301 619
Subtotal	***335 134***	***335 134***	***301 619***
Il-Ġermanja			
DE/13/11	75 000	75 000	67 500
DE/13/13	140 000	140 000	126 000
DE/13/16	170 000	170 000	153 000
Subtotal	***385 000***	***385 000***	***346 500***
L-Estonja			
EE/13/01	110 000	110 000	99 000
EE/13/02	90 000	90 000	81 000
EE/13/03	80 000	80 000	72 000
Subtotal	***280 000***	***280 000***	***252 000***
L-Irlanda			
IE/13/03	1 100 000	1 100 000	990 000
Subtotal	***1 100 000***	***1 100 000***	***990 000***
Franza			
FR/13/05	910 000	900 000	810 000
Subtotal	***910 000***	***900 000***	***810 000***
L-Italja			
IT/13/06	100 000	100 000	90 000
Subtotal	***100 000***	***100 000***	***90 000***
Il-Litwanja			
LT/13/02	231 696	231 696	208 526
Subtotal	***231 696***	***231 696***	***208 526***
Il-Pajjiżi l-Baxxi			
NL/13/17	200 000	200 000	180 000
Subtotal	***200 000***	***200 000***	***180 000***
Il-Polonja			
PL/13/01	170 948	170 948	153 853
PL/13/02	60 000	60 000	54 000
PL/13/03	27 793	27 793	20 514
Subtotal	***253 741***	***253 741***	***228 367***

(EUR)

Stat Membru u kodiċi tal-proġett	Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali għall-kontroll tas-sajd	Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni
Il-Portugall			
PT/13/03	492 500	492 500	443 250
PT/13/05	211 000	211 000	189 900
Subtotal	***703 500***	***703 500***	***633 150***
Is-Slovenja			
SI/13/11	40 000	40 000	36 000
Subtotal	***40 000***	***40 000***	***36 000***
Spanja			
ES/13/08	129 582	129 582	116 624
Subtotal	***129 582***	***129 582***	***116 624***
Total	***4 818 653***	***4 808 653***	***4 327 786***

ANNESS IV

TAGĦMIR ELETTRONIKU TA' REĠISTRAZZJONI U RAPPURTAR

(EUR)

Stat Membru u kodiċi tal-proġett	Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali għall-kontroll tas-sajd	Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni
Il-Finlandja			
FI/13/02	157 500	157 500	141 750
FI/13/05	175 000	175 000	157 500
Subtotal	***332 500***	***332 500***	***299 250***
Total	***332 500***	***332 500***	***299 250***

ANNESS V

PROĠETTI PILOTA

(EUR)

Stat Membru u kodiċi tal-proġett	Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali għall-kontroll tas-sajd	Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni
Spanja			
ES/13/28	100 000	0	0
ES/13/32	530 000	0	0
ES/13/38	250 000	0	0
Subtotal	***880 000***	***0***	***0***
Franza			
FR/13/01	40 000	40 000	20 000
Subtotal	***40 000***	***40 000***	***20 000***
Ir-Renju Unit			
UK/13/02	297 693	297 693	148 846
Subtotal	***297 693***	***297 693***	***148 846***
Total	***1 217 693***	***337 693***	***168 846***

ANNESS VI

PROGRAMMI TA' TAĦRIĠ U TA' SKAMBJU

(EUR)

Stat Membru u kodiċi tal-proġett	Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali għall-kontroll tas-sajd	Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni
Il-Ġermanja			
DE/13/03	15 000	0	0
DE/13/06	1 500	0	0
Subtotal	***16 500***	***0***	***0***
Il-Greċja			
EL/13/01	70 000	70 000	63 000
Subtotal	***70 000***	***70 000***	***63 000***
Ir-Rumanija			
RO/13/01	200 000	0	0
RO/13/02	50 000	0	0
Subtotal	***250 000***	***0***	***0***
Spanja			
ES/13/26	40 000	0	0
Subtotal	***40 000***	***0***	***0***
Total	***376 500***	***70 000***	***63 000***

ANNESS VII

AMMONTI RELATATI MAL-ISKEMI PILOTA TA' SPEZZJONI U OSSERVAZZJONI, L-INIZJATTIVI GĦAS-SENSIBILIZZAZZJONI DWAR IR-REGOLI TAL-PKS U L-AKKWIST JEW IL-MODERNIZZAZZJONI TA' BASTIMENTI U INĠENJI TAL-AJRU TAL-GĦASSA LI ĠEW MIĊĦUDA

(EUR)

Tip ta' nefqa	Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali għall-kontroll tas-sajd	Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni
Skemi pilota ta' spezzjoni u osservazzjoni	36 000	0	0
Inizjattivi għas-sensibilizzazzjoni dwar ir-regoli tal-PKS	35 400	0	0
Bastimenti u inġenji tal-ajru tal-għassa	8 880 000	0	0
Total	**8 951 400**	**0**	**0**